MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 1658/1992/3

**Frank Sammut u Tarcisio Mifsud bhala Diretturi**

**u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**

**Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited (MOBC)**

**v.**

**Michael Fenech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza**

**tas-socjeta` Fenech Oil and Petroleum Company Limited (FOPCOL) u b'digriet tat-3 ta' Novembru 1993 isem il-konvenut gie korrett**

**biex jaqra 'Michael Angelo Fenech'**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu appell minn decizjoni li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Gunju, 2012, li in forza taghha cahdet talba tal-konvenut ghal prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri.

Din il-Qorti sejra, f'dan l-istadju, tirriproduci d-decizjoni relattiva tal-ewwel Qorti li tikkontjeni t-talba relattiva tas-socjeta` konvenuta u l-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti tichad dik it-talba.

> "Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2012 il-konvenuta talbet l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li c-citazzjoni hi nulla ghaliex fid-data li giet ipprezentata l-kawza, 7 ta' Dicembru 1992, "Michaelangelo Fenech kien direttur tal-attrici u qatt ma gie infurmat li ser ssir laqgha tad-diretturi biex jittiehed vot dwar jekk ghandhiex issir din il-kawza kontra l-konvenuta li kienet ukoll azzjonista."
>
> "Mill-istess verbal jirrizulta li:-
>
> "i. Mit-30 ta' Mejju 1995 Michaelangelo Fenech ma baqax direttur ta' MOBC.

"ii. F'xi zmien l-attrici ma baqghetx azzjonista tal-MOBC.

"F'kawza ohra l-qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda ta' Lawrence Ciantar fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2012[1], u fiz-zmien in kwistjoni kien chairman tal-Enemalta li hi l-azzjonist maggoritarju tal-kumpannija konvenuta. Minn dik id-deposizzjoni hu altru milli evidenti li kienet ittiehdet decizjoni mill-bord tad-diretturi tal-Enemalta li gialadarba l-konvenuta ma hallsitx ghall-bejgh u konsenja ta' zejt, kellhom jittiehdu proceduri gudizzjarji kontra taghha. Il-fatt li meta saret il-kawza Michaelangelo Fenech kien ghadu direttur tal-kumpannija konvenuta, ma jfisser xejn. M'hemmx dubju li hu fl-interess tal-kumpannija li tigbor dak li hu dovut lilha minghand id-debituri. Fil-fehma tal-qorti decizjoni ta' direttur li qieghed imexxi l-kumpannija, li jaghmel kawza biex jigbor flus dovuti lill-kumpannija, ma fiha xejn staordinarju. Hu altru milli evidenti li bejn il-kontendenti kien hemm kontestazzjoni. Jekk kien hemm htiega li tghaddi xi rizoluzzjoni tal-kumpannija biex issir din il-kawza, hi kwistjoni interna tal-kumpannija u mhux xi haga li ghandha dritt tintrometti ruhha fiha l-konvenuta llum il-gurnata. Li hu zgur hu li d-direttur Frank Sammut, li kien ukoll chairman tal-konvenuta, u kellu f'idejh it-tmexxija tal-kumpannija, ipprezenta din il-kawza.

Michaelangelo Fenech kien jaf b'dawn il-proceduri. Fit-3 ta' Marzu 1995 kien ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ghan-nom tal-kumpannija. Bhala direttur fil-kumpannija attrici u direttur fil-kumpannija konvenuta, kellu kull opportunita` li jqajjem dan l-ilment waqt il-laqghat tad-diretturi u semmai, jekk hu daqstant konvint mit-tezi tieghu, jiehu proceduri ghan-nom tal-attrici biex jattakka l-validita` tal-azzjoni. Haga li hu evidenti li ma ghamilx.

"Fil-fehma tal-qorti li tinghata eccezzjoni ta' nullita` tac-citazzjoni f'dan l-istadju, u eccezzjoni f'dan is-sens tista' biss isservi biex tkompli ttawwal dawn il-proceduri bla bzonn.

"Ghal dawn il-motoivi l-qorti tichad it-talba tal-konvenuta. Spejjez ta' dan id-digriet a karigu taghha."

[1] Kawza fl-ismijiet Frank Sammut et nomine v. Michael Fenech nomine (205/1988).

Minn din id-decizjoni appellat is-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … thassar u tirrevoka d-Digriet moghti mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Gunju 2012, u tilqa' t-talba taghha illi tissolleva l-eccezzjoni ulterjuri indikata fil-verbal tal-udjenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tad-29 ta' Mejju 2012, cioe` illi c-Citazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi hija nulla ghaliex fid-data li fiha giet ipprezentata l-kawza fis-7 ta' Dicembru 1992, Michael Angelo Fenech kien direttur tas-socjeta` attrici u qatt ma gie infurmat illi ser issir laqgha tad-diretturi biex jittiehed vot dwar jekk ghandhiex issir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta li kienet ukoll azzjonista tal-istess socjeta` attrici, u illi konsegwentement, il-kawza odjerna ma saritx bl-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellata."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi s-socjeta` konvenuta trid, <u>ghoxrin sena wara li bdiet din il-kawza</u>, tressaq eccezzjoni ulterjuri biex teccepixxi n-nullita` tac-citazzjoni peress illi, skont hi, din il-kawza ma gietx awtorizzata mill-bord tad-diretturi tal-istess socjeta` attrici. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din it-talba hija abbuz tal-process, peress li hija ghall-kwantu "pastazata" li l-konvenut jissolleva eccezzjoni bhal din meta

l-kawza diga` ilha pendenti ghoxrin sena! Is-socjeta` konvenuta kienet ukoll azzjonista fis-socjeta` attrici, izda ghal tul ta' ghoxrin sena halliet din il-kawza tipprocedi bis-smiegh fil-meritu meta kienet taf, jew messha kienet taf, li l-bord tad-diretturi tas-socjeta` attrici ma kienx iltaqa' biex jiehu decizjoni halli tinfetah din il-kawza. F'kawza ohra bejn l-istess partijiet (citazzjoni numru 205/88) eccezzjoni simili ghal dik li s-socjeta` appellanti trid tissolleva issa f'din il-kawza, giet fil-fatt sollevata *in limine litis*, li jfisser illi altru, mela, li din kienet taf bis-sitwazzjoni. Id-decizjoni li tinfetah din il-kawza ttiehdet mill-azzjonist maggoritarju fis-socjeta` attrici, il-Korporazzjoni Enemalta, u ovvjament hu fl-interess tal-kumpanija li tigbor dak li hu dovut lilha minghand id-debituri, anke jekk dawn huma azzjonisti fl-istess socjeta` kreditrici.

Kif osservat l-ewwel Qorti, sakemm is-socjeta` konvenuta baqghet azzjonista fis-socjeta` attrici, il-konvenut personalment attenda diversi laqghat tal-bord tad-diretturi tas-socjeta` attrici, u qatt ma qajjem l-ilment tieghu marbut man-nuqqas ta' awtorizzazzjoni biex issir din il-kawza. B'dan il-mod, is-socjeta` attrici, li qatt ma ccensurat il-ftuh ta' din il-kawza, giet li rratifikat dak li sar mill-ufficjali taghha, u dak li sar mal-ftuh tal-kawza ma jistax issa jigi dikjarat null. Darba li l-kumpannija attrici accettat l-ghemil tal-ufficjali taghha, u anzi qieghda ssostni dak l-istess ghemil, it-terz ma jistax jipprova jindahal u jallega xi nuqqas fl-osservazzjoni tar-regoli interni tal-istess socjeta`.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti, u peress li tqies li dan l-appell kien fieragh u vessatorju, fit-termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lis-socjeta` appellanti thallas, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta' €1,500 lir-Registratur tal-Qorti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------